KUNSILL LOKALI MQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru erbgħa u sittin (64) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 21 ta' Diċembru 2010, fis-6:45pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Paul Spiteri kien informa lis-sindku li ma jistax jattendi għaliex ma jiflaħx, kif għamlet Grace Marie Mallia li infurmat lis-segretarju eżekuttiv li wkoll kienet ma tiflaħx. Il-kunsillieri assenti kienu skużati.

2. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

3. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti li kienu mgħoddija mis-segretarju eżekuttiv permezz ta' *e-mail*, jiem qabel is-seduta lill-kunsillieri, kienu meħuda bħala approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti.**

4. Is-sindku qal li l-ġimgħa l-oħra ġie fi tmiemu x-xogħol ta' ***resurfacing*** fis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija Parti B u Ċ, Triq Mons Innoċenz Zammit, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi u Triq Santa Marija. Is-sindku qal ukoll li kien hemm xogħol ta' *extensive patching* li sar is-Sibt, 18 ta' Diċembru 2010, mill-istess kuntrattur f'siti li indika huwa stess fi Triq il-Ħarriġiet kantuniera ma' Triq l-Imterrqa kif ukoll viċin l-i*stationery* tal-*By-Pass*. Hu qal li dan sar fuq ħsarat li kienu seħħew f'toroq ġodda fuq mejnijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI). Intant kienet indikata qagħda kbira ta' ilma tax-xita fi Triq Santa Katerina bi dritt Sqaq Numru 2, fejn fil-passat kienet toqgħod għadira ilma u kien sar *gutter* bil-konkos f'nofs it-triq li tkisser bil-piż tal-vetturi u kellu jingħalaq ftit wara. Dwar il-*cable* li hemm bżonn li jiġi mgħoddi minn taħt l-art biex jiġu eliminati *overhead cables* imqabbdin mal-Każin tal-Ġilju, s-sindku qal illi l-permess wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu biex ikun konkluż minna għall-Korporazzjoni Enemalta. Hu spjega lill-Kunsillier Nicholas Briffa illi l-gandott li tħaffer ftit tax-xhur ilu fl-istess sit kien tal-*GO plc* u mhux tal-Korporazzjoni Enemalta.

5. B'rabta mal-**programm tat-toroq** fl-Imqabba is-sindku informa lill-KLM illi l-fond għat-titjib urban issa jlaħħaq għal madwar €18,000 u dan se jagħmel tajjeb biex kif ippjanat ikunu miksija bil-*patterned concrete* Triq il-Fjuri u ż-żewġ sqaqien tagħha.

6. Fuq suġġeriment tal-viċi sindku, se nitolbu wkoll lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jagħmel ***expropriation*** fi **Triq Dun Ġiacomo Tortella** kantuniera ma' Triq Santa Katerina. Din it-triq fil-fatt hija sqaq għaliex ma tinfed għal imkien minħabba ġardina privata.

7. Is-sindku ippropona li l-**KLM jgħaddi €50,000 lill-Kuntrattur *Asfaltar Ltd***, kif jibagħtulna l-kontijiet tal-aħħar toroq li nksew imsemmija aktar kmieni f'dawn il-Minuti. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni u din in-nefqa kienet imniżżla bil-linka fuq iċ-ċedola tal-pagamenti numru 401 bħala *item* 26 u approvata fi tmiem is-seduta mal-kumplament tal-pagamenti indikati.

8. Dwar l-iżviluppi li seħħew fil-**kumitat konġunt** tal-infurzar tal-liġijiet, is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni illi issa jonqosna biss il-kont ta' dan ix-xahar biex ngħalqu s-sena. Is-sindku qal illi l-każ tal-uffiċjal awtorizzat jidher li kien referut lill-pulizija wara l-intervent tad-Direttur Ġenerali, is-Sur Martin Bugelli li wkoll kien involut fit-taħdidiet għaliex irriżultaw diskrepanza ta' *circa* €20,000. Intant ħarġet l-offerta pubblika mir-reġjun tagħna li minbarra l-lokalitajiet li kien

jinkorpora fih il-konġunt taż-Żurrieq, issa jinkludu lokalitajiet kbar bħal dik ta' Ħaż Żebbuġ, Ħal Qormi u l-Ħamrun, biex ikunu kuntrattwati l-gwardjani lokali.

9. Dwar l-installazzjoni tal-**pannelli fotolvoltaiċi,** sal-lum konna għadna nimlew il-formuli kollha indikati lilna biex ikunu mgħoddija lill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi mill-kuntrattur tal-KLM, *Alberta Fire and Security*.

10. Is-sindku, l-Kunsillier Paul Spiteri u s-segretarju eżekuttiv kienu milqugħa ferm tajjeb mill-anzjani Mqabbin rikoverati fir-Residenza **San Vinċenz de Paule** wara li 'l dawn saritilhom viżità aktar kmieni dan ix-xahar. Ir-rigali tal-frott li ingħatawlhom kienu ferm apprezzati u fl-istess ħin tajbin għas-saħħa.

11. Fl-istess jum, is-sindku kien mistieden għal Jum il-**Premjazzjoni tal-Iskola** *Margaret Mortimer* ta' Santa Luċija, li nżammet fit-teatru tal-istess Residenza San Vinċenz de Paule u għadna sorpriżi kif m'għajtux lis-sindku jippreżenta l-kotba bħala donazzjoni mill-KLM lill-istudenti Mqabbin.

12. L-istima tal-Perit tal-KLM, Anthony Bezzina, għat-tindif u **t-tneħħija tal-ħajt tal-kantun f'Tas-Sejba**, kienet mibgħuta lill-Inġ Martin Dalmas li hu nkarigat mir-*runway* tal-ajruport internazzjonali ta' Malta. Dan sabiex ikun imqabbad kuntrattur u jwettaq dawn ix-xogħlijiet u fl-istess ħin l-ispiża tinqasam bejnietna t-tnejn.

13. Dwar l-**offerta tal-ġbir tal-iskart** mil-lokalitajiet tal-Imqabba u dik ta' Ħal Safi, illum intbagħtet il-***letter of intent*** lill-*bidder* tellief wara li ħadna konferma bil-miktub illi l-*bidder* rebbieħ se jkun qed iwassal dawn is-servizzi bi *Truck Euro 4*. Wara li jgħaddi l-perjodu tal-kontestazzjonijiet, il-kuntratt jista' jkun iffirmat bejn it-tliet partijiet involuti.

14. It-talba formali lill-Kuntrattur *Asfaltar Ltd* saret mill-KLM għas-Sur Vince Attard li allegatament **inħaraqlu l-*power supply* tal-*computer*** wara inċident li seħħ waqt ix-xogħlijiet ta' kisi ta' toroq bit-tarmak viċin ir-residenza tiegħu.

15. Il-***financial statement* għas-sena 2009**, issa kienu aċċettati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur wara li dawn kienu sottomessi għand il-Kumpanija *Grant Thornton* mis-segretarju eżekuttiv biex ma jgħaddix aktar żmien ħalli l-multa li weħilna tkun ridotta. Issa rridu nwieġbu għall-*management letter* u fl-istess ħin nimxu mar-rakkomandazzjonijiet li indikawlna l-istess awdituri.

16. Kien stabbilit li l-**laqgħa pubblika** se ssir nhar it-2 ta' Frar 2011 fis-7.00pm fl-Isptar il-Qadim. Se jsiru tħejjijiet sabiex ikun stampat invit /programm u jitqassam fid-djar.

17. **Il-laqgħat tal-KLM** li jmiss se jinżammu nhar il-11 u l-25 ta' Jannar 2011.

18. L-ikla tal-**kunsillieri u l-istaff** se tinżamm fil-lukanda Dolmen nhar is-16 ta' Jannar 2011 f'nofs in-nhar. Is-segretarju eżekuttiv ibbukkja għal ħames kunsillieri, tlieta staff klerikali kif ukoll tnejn tal-*IPSL* u wieħed tal-*Community Works Scheme*. Il-prezz mhux se jaqbeż it-*treshold* indikat fil-*Memo* 122/10 u jekk ikun hemm xi spejjeż oħra bħal *drinks*, iħallashom l-individwu.

19. Il-***party* tal-Milied** għat-tfal tal-Imqabba inżamm nhar is-Sibt, 18 ta' Diċembru 2010 taħt is-sala tal-Iskola Primarja Mqabba. L-attendenza kienet ta' 211-il tifel u tifla u dawn ingħataw borża ħelu u rigal kull wieħed. Għal din l-attività s-sindku u s-segretarju eżekuttiv irnexxielhom jiġbru reklami minn għand *Smart Office Supplies, Buz Dov*, *C&G Ironmongery*, *St Peter's Ironmongery*, *Asfaltar Ltd*, *Kargo Aluminium*, *Nexos Co Ltd* u *Sterling Security*. Mark il-*magician* ħadilna €70 u l-*Father Christmas* ma ried xejn u tajnih *hamper*. Dwar il-ħlas tas-sala (Jum l-Imqabba) u l-*caretaker* kien hemm diskussjoni għaliex xi kunsillieri qablu li dawn huma eżorbitanti.

20. Nhar l-20 ta' Diċembru 2010 kien inawgurat il-**Presepju Ħaj** tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li għalih kienu mistiedna l-kunsillieri u fl-istess ħin is-sindku wkoll kellu stedina biex jagħti pubblikazzjonijiet tal-KLM lill-istudenti tal-Iskola Primarja Mqabba f'Jum il-Premjazzjoni.

21. Dwar id-***drink*** li se jkun qed joffri **lill-għaqdiet** tar-raħal il-KLM nhar il-Ħadd, 26 ta' Diċembru 2010, il-kunsillieri urew it-tħassib tagħhom għaliex wara li tqassmu l-inviti tagħna, irċevejna invit ieħor mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fejn se jinawguraw l-estenzjoni tal-każin. Dan se jsir fl-istess ħin u se jkun hemm persuni oħra mill-Imqabba mistiedna għal dawn iż-żewġ avvenimenti f'salt. Is-sindku ppropona li dawn jingħataw *token* tal-okkażjoni mill-KLM. Sadanittant is-sindku kien avviċinat verbalment mill-uffiċjali tal-istess soċjetà biex iħawwlu xi siġar fl-Imqabba bħala tifkira taċ-ċelebrazzjonijiet. L-istess uffiċjali qalulu li ser jibagħtu bil-miktub l-istess xewqa. Il-KLM indika post fejn titħawwel siġra waħda fi Ġnien Mikelanġ Sapiano u Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira rispettivament.

22. Nicholas Briffa qal li r-***reinstatement*** **fuq it-trinka tal-*GO plc*** li saret dan l-aħħar fi Triq Mikelanġ Sapiano tlestiet għas-sodisfazzjon tar-residenti wara li ġie eliminat *wire* mgħoddi minn *conduit* tal-*plastic* mitluq fuq il-bankina. Hawn is-sindku rrimarka li kellu jiġbed l-attenzjoni direttament lill-kapijiet biex effetivament sar ix-xogħol meħtieġ wara ħafna tentattivi.

23. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri illi għada, 22 ta' Diċembru 2010 se tinfetaħ il-wirja **tal-arti kontemporanja ta' Ms Maria Tonna** fis-7:00pm fl-Isptar il-Qadim. Hu ħeġġeġ lil dawn preżenti biex jattendu, għaliex irridu nagħtu daqqa t'id ħalli kollox imur kif ippjanat fl-organizzazzjoni tagħha peress li hemm diversi mistednin. Hawn il-viċi sindku qal li ser jipprovdi l-ikel u xi *drinks* għall-okkażjoni minn butu. Is-sindku wkoll qal li ser jixtri l-imbid għar-riċeviment mingħajr ma jistenna ħlas lura għalih.

24. Kien deċiż illi jsiru ***tokens*** bħalma saru u diġà kienu ingħataw fi *drink* li organizza għalihom apposta aktar kmieni x-xahar l-ieħor, għall-voluntieri li taw sehemhom fl-**attività kulturali** tat-2 ta' Ottubru 2010, lis-Sinjuri Charles Sacco, Michael Dingli, Tarcisio Dingli, Roger u Emanuel Dingli.

25. Kien approvat il-massimu tal-***performance bonus*** tal-impjegati għas-sena 2010. Is-segretarju eżekuttiv irringrazzja lill-kunsillieri f'isem l-istaff, filwaqt li s-sindku qal li filwaqt li huwa mhux kontra li jingħata l-*bonus* hemm lok għal aktar titjib biex ikun hemm *performance* aħjar mhux biss fost l-istaff klerikali iżda wkoll fost il-ħaddiema tal-*IPSL.*

26. Is-sindku ikkummenta dwar l-ammont ta' ***vacation leave*** kkunsmat dan ix-xahar mill-ħaddiema klerikali. Huwa ppropona li f'Diċembru inħallu biss ħamest ijiem. Is-segretarju eżekuttiv qal li fil-kuntratt ta' kull impjegat hemm klawsola li taħseb ukoll għal din l-eventwalità u kull impjegat għandu jimxi magħha.

27. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti 401** filwaqt li kienu approvati li jiġu *written off* żewġ bankijiet li nqalgħu mill-Pjazza tal-Knisja kif indikat aktar kmieni dalgħodu permezz ta' ritratt b'*e-mail* li ċċirkula s-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri flok ma sar kif ippjanat u twaħħlu fi Ġnien il-Ġibjun.

28. Il-kunsillieri kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-**korrispondenza** li daħlet u dik li ħarġet fuq il-mejda tal-kamra.

29. Il-Viċi Sindku Charles Farrugia ta **donazzjoni ta' kotba** lil-librerija tal-Imqabba u din kienet apprezzata ferm.

30. Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello** | *u approvati llum* | **Noel Galea** |
| | **Segretarju Eżekuttiv** | ____ */01 /2010 minn:* | **Sindku** |